

Konvenuta: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: K. Boskovits u V. Karra, aġenti)

### Dispożittiv

- Billi ma ħaditx, fit-termini previsti, il-miżuri kollha neċċarji għall-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/541/UE tat-22 ta' Frar 2012 dwar għajnuna mill-Istat SA.26534 (C 27/10 ex NN 6/09), mogħtija mill-Greċċja lill-United Textiles SA, u billi ma informatx b'mod suffiċċenti lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħħuda skont din id-deċiżjoni, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 2 sa 4 tal-imsemmija deċiżjoni kif ukoll taħt it-Trattat FUE.
- Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 305, 22.08.2016.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tat-18 ta' Jannar 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hoge Raad der Nederlanden – il-Pajjiżi l-Baxxi) – Stadion Amsterdam CV vs Staatssecretaris van Financiën**

(Kawża C-463/16) (<sup>1</sup>)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tassazzjoni — Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) — Direttiva 77/388/KEE — It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(3)(a) — Rata mnaqqsa ta' VAT — Anness H, kategorija 7 — Provvista waħda komposta minn żewġ elementi distinti — Applikazzjoni selettiva ta' rata mnaqqsa ta' VAT għal wieħed minn dawn l-elementi — Żjara turistika bl-isem ta' "World of Ajax" — Żjara l-mużew tal-AFC Ajax)

(2018/C 083/05)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

### Qorti tar-rinvju

Hoge Raad der Nederlanden

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Stadion Amsterdam CV

Konvenuti: Staatssecretaris van Financiën

### Dispożittiv

Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-ligġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejjgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2001/4/KE, tad-19 ta' Jannar 2001, għandha tīġi interpretata fis-sens li provvista waħda ta' servizz, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, komposta minn żewġ elementi distinti, wieħed prinċipali, l-ieħor aċċessorju, li, kieku kellhom jingħataw b'mod separat, ikunu suġġetti għal rati differenti ta' VAT, għandha tīġi ntaxxata b'rata unika ta' VAT applikabbli għal din il-provvista waħda ddeterminata skont l-element prinċipali, u dan anki jekk il-prezz ta' kull element li jiżżifta l-prezz totali mħallas minn konsumatur bil-ġhan li jkun jista' jibbenfika minn din il-provvista jista' jiġi identifikat.

(<sup>1</sup>) ĠU C 410, 7.11.2016.